*Kunsill Lokali Marsaskala*
Ġnien Sant'Anna, Pjazza Dun Tarċis Aguis, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**ID-DISA` LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 5**

**Nhar it-Tlieta 22 t'Ottubru 2024.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill fis-6.00 ta' filgħaxija u mxandra fuq il-website tal-Kunsill.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Kunsillier
Janice Falzon – Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Beverly Saliba – Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier
Celine Camilleri – Kunsillier
Francis Gilford – Kunsillier
Jesmond Abela - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**ASSENTI:**
Mary Rose Mifsud- Kunsillier

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **5.1** | ***<u>Qari t'aploġija:</u>***<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kienx hemm ittri t'apoloġija. |
| **5.2** | ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 4 li saret Nhar it-Tnejn 30 ta' Settembru 2024:</u>*** |
| **5.2.1.2** | **Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda l-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni. |
| **5.2.2** | **<u>Matters Arising tal-Minuti: Laqgħa 4 li saret Nhar it-Tnejn 30 ta' Settembru 2024:</u>** |
| **5.2.2.1** | Is-Sindku tkellem fuq minuta 4.2.2.1 ta' paġna 2 fejn qal li ilmenti ma daħlux pero kien hemm ittra anonima waħda. |
| **5.2.2.2** | Is-Sindku tkellem fuq minuta 4.2.2.3 ta' paġna 2 fejn qal illi rigward il-*container* mill-aħħar laqgħa lil hawn meta kellem lill kuntrattur u qallu jekk jistax jixtrih il-Kunsill b'€1000 u kien hemm qbil għalhekk dan il-container ser jibqa fejn hu u jintuza għal storage.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jrid isirlu maintenance. Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi dak għandu *coating* speċjali fuqu u għandu kantuniera li tkissret u tajjeb li nirranġawa.<br><br>Kien hemm qbil li l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u l-Kunsillier is-Sur Francis Gilford jitkellmu bejniethom fuq maintenance ta' dan il-container. |
| **5.2.2.3** | Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq minuti 4.2.2.6 ta' paġna 3 hu qal illi is-Sur Steve Bonello qal illi la l-ħitan tas-sejjieħ mhumiex tal-Gvern ma jistgħux jirranġawhom min naħa tagħhom.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dawk ċnut mibnijin biex ħadd ma jidħol fil-propjeta tas-sidu allura jaqgħu taħt ir-responsabilita' tas-sid.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi xorta jibgħu ta' periklu pero min naħa tagħna irraportajna lill Pulizija.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal hemm ċint fi Triq il-Gandoffli li l-propjeta' hi privata fejn sarlu l-ħsara u hemm bzonn jerġgħa jinbena.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi mhuwiex kollu privat u jista jsir min naħa tagħna għaliex intlaqat minn karozza.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb kieku nkellmu lis-sid biex jirranġaħ.<br><br>Kien hemm qbil li nkellmu is-sid ta dan iċ-ċint sabiex jirranġaħ. |
| **5.2.2.4** | Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq minuta 4.2.2.7 ta' paġna 3 fejn qal illi hu u l-Kunsillier is-Sur Charlot kull darba li jkollhom rapport dwar rwejjaħ li joħorġu mill-impjantikellmu lil Profs Buhagiar.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ma nistgħux nibqgħu sejrin hekk u l-Kunsill għandu jkollu rapport dettaljat ta x'qed jiġri. |

| | |
|---|---|
| | Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi fl-istess zmien li kien hemm l-ilmenti fuq l-irwejjaħ kien l-istess zmien li kien hemm ilmenti fuq irwejjaħ li kienu ġejjin mix-Xgħajra mil-impjant ta' tisfija ta' drenaġġ .<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Francis Gilford qal illi hu nizel personamelment wara li ra l-ilmenti fuq facebook f'xi l-10.00pm pero ma fetaħlu ħadd.<br><br>Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi hi ċemplet fin-numru provdut u qalula illi jinzlu l-ispetturi tal-ERA pero jrid ikun hemm xi ħadd dak il-ħin li jkun hemm l-ilment sabiex dawn jieħdu sample.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-għada kien ser ikun hemm laqgħa u ser jitlob rapport dettaljat.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hemm suppost issir analizi tal-arja 24/7 issa jekk din mhux issir il-Kunsill għandu dritt li jkollu feedback min fej ġejjin dawn l-irwejjaħ u jekk humiex tossiċi.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi meta jkunu tossiċi ma xxomomx.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi huma dejjem jsitaqsu x'tip ta riħa hi pero din mhux informazzjoni li aħna nifmu fiha.<br><br>Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal ir-riħa hi ta' *hydrogen sulphate H2S* u dak huwa *carcinogenic*.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja ħeġġeġ lill Kunsillier Dr Patrick Camilleri sabiex jgħamel l-ilment u jgħid illi hu jifhem fis-sugett u r-riħa kienet ta' *H2S*.<br><br>Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal illi dawn suppost għandhom il-filters.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi huma qed jiltaqaw fuq is-*solid* u *liquid waste* pero ser isaqsi għal rapport tal-irwejjaħ.<br><br>Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba qalet li tajjeb li inkunu assertivi għaliex din hija problema li ila għaddejja.<br><br>Kien hemm qbil li s-Sindku s-Sur Mario Calleja ser jgħaddi l-ilmenti fil-laqgħa li għandu mall-Wasteserv u rapprezentanti tal-ERA. |
| **5.2.2.5** | Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tellem fuq minuta 4.2.2.12 paġna 4 fejn qal illi l-Assistant Principal is-Sinjorina Lucille Bonnici ħadmet fuq ir-rotta tal-knies biex b'hekk il-ħaddiema tal-cleansing jistgħu jseggwu lilha għal aħjar servizz u fejn jidher li hemm bzonn xi tibdil jinfurmaw lilna. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi s-servizz ser jibda mill-1 ta' Novembru 2024 għalkemm diġa bdew xi ftit ħaddiema minnhom u diġa jidher li hemm feedback tajjeb. |
| **5.2.2.6** | Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri qal illi f'Bella Vista kien hemm qtugħ ta' ilma għal madwar 48 siegħa li kien ta inkonvenjent kbir għar-residenti.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi kien hemm xi ħsarat li riedu jisewew pero mhux kulhadd kellu qtugħ għal daqs tant fit-tul.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri qalli hu jħoss li s-sistema mhux qeda tajba u għandu jkun hemm aktar minn main wieħed li jisupplixxi Bella vista sħiħa. |

| | |
|---|---|
| | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi aħna bħala Kunsill ma tantx għandna poter fuq din pero l-Kunsill xorta jipprova jieħu interess anke jekk m'għandux kontroll. Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi din problema ma Malta kollha fejn dar issa ġiet blokka u s-sistema baqat li kienet u l-Planning Authority għandha tkun l-entita li tati kas dawn id-diffikultajiet. |
| **5.2.2.7** | Is-Sindku tkellem fuq minuta 4.2.2.18 pagna 5 qal illi xi ħadd minn Fino infurmaħ illi qabbad espert fuq il-gunpost ta' Apap Bologna sabiex isir *maintenance* tiegħu.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi primarjament għandu jiġi eliminat il-periklu. |
| **5.2.2.8** | Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq minuta 4.7.3 ta' paġna 8 fejn qal illi hu ftakar li hemm propost l-isports complex ħdejn il-pixxina.<br><br>Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi l-lattrina għandha tibqa pubblika.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi bla dubju li tibqa pubblika pero jaħseb li din ser issir ma dan il-pjan proposta bħala proġett ħolistiku.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John Camilleri qal illi tajjeb nistaqsu għal pjanti.<br><br>Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba qalet illi kienu ħarġu xi skemi sabiex tigi rranġata l-lattrina.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-Kunsill ma kienx applika għaliha.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu ma jaħsibx li l-lattrina se tiġi integrate ma dan il-*complex* pero tajjeb li nitolbu kjarifika lil Sports Malta jew il-Minsteru tal-edukazzjoni.<br><br>Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal illi hu jħoss li la jsir dan l-*isports complex* tajjeb li jsir gym ukoll li jkun b'xejn għar-residenti fejn dan jgħin hafna nies li jinsabu d-dar u jbatu bi problem mentali.<br><br>Kien hemm qbil li nitkellmu mas-Sur Clifton Grima. |
| **5.2.2.9** | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq minuta numru 4.2.2.3 paġna 2 fej staqsa jekk it-taraġ hux ser jinfetaħ.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-kuntrattur qallu illi t-taraġ ma jistax jinfetaħ qabel ma jsir il-lift pero l-kuntrattur inqala minnu għaliex it-tender ingħatat lil ħaddieħor għat tielet darba. |
| **5.2.2.10** | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq minuta numru 4.2.2.8 paġna 3 u staqsa l-iskips li hemm fil-bandli ta min huma.<br><br>Is-Sindku s sur Mario Calleja qal illi dawk m'humiex tal-Kunsill izda tal-ħwienet li jħallsu lill-Kuntrattur privat.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi l-ġimgha l-oħra xi ħadd tefa xi ħut.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi diġa sar pass tajjeb li neħħejnihom min fejn kienu pero hu jissuġerixxi li jsir hoarding u jitattew.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Francis Gilford qal illi hu kien ta l-idea li nsaqqfu l-area biex l-iskips ma jidrux . |

| | |
|---|---|
| | Is-Sindku qal illi jekk issir hekk mhux ser tkun komda biex jitbattlu.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal tal-ħwienet jistaw jaqfluwhom.<br><br>Is-Sindku qal illi din id-darba xi ħadd abbuza minnhom pero mhux xi ħaġa li issir ta spiss.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-aħjar nkellmu lil Antoine u jkellem tal-ħwienet hu. |
| **5.2.2.11** | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 4 artiklu 4.2.2.14 qal illi hawn fanali miksurin u parts m'hawnx allura ser nbiddluhom la darba l-Kunsill jgħati l-go ahead. Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu tal-idea li norndaw 25 low level lighting ġodda fi Ġnien Sant Anna u naqsmhuom fit-tnejn peress illi issa ġej il-Milied.<br><br>Kien hemm qbil unanimu. |
| **5.2.2.12** | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq minuta 4.2.2.20 ta' paġna 5 fejn qal illi ilhom jgħadduna biz-zmien. L-ADT fir-rigward ta' traffic management f'Bellavista.<br><br>Il-Viċi Sindku s-Sinjura Janice Falzon qalet illi hemm bzonn li ssir laqgħa magħhom.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri qal illi jekk mhux ser tittranġa s-sitwazzjoni tal-lights f'Sant Antnin inutli ser nipprovaw insolvu l-problema l-oħra.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi f'erba xhur nistennew li jkollna xi tip ta' risposta.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ser ikellem lil Perit Audrey Testaferrata De Noto dwar dan.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi hi diġa batet li qed jaħdmu fuq id-disinn u kif dan jitlesta ser tintbgħat min naħa tagħha. |
| **5.2.2.13** | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq pagna 9 artiklu 4.9.1 hu qal illi hemm 8 washingtonia li huma mejtin.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi hemm ħafna aktar min tminja.<br><br>Is-Sindku qal illi tajjeb nistaqsu għal prezz.<br><br>Il Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu sab bil-€5.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal tajjeb nistaqsu għal kwotazzjoni mingħand il-kuntrattur tagħna.<br><br>Kien hemm qbil unanimu dwar dan. |
| **5.3** | **<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>** |
| **5.3.1** | **<u>Water to be the change (35/2738/24/I):</u>**<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dawn qed joffru 200 gift pack li jistgħu jitqassmu lir-residenti sabiex jiġi mnaqqas il-konsum tal-ilma.<br><br>Kien hemm qbil li l-Kunsill jaċċetta dawn il-gift bags. |
| | |

| | |
|---|---|
| **5.3.2** | **Carrob tree destined for obliteration (35/2797/24/I):**<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi ġibdulna l-attenzjoni illi f'din it-triq hemm applikazzjoni meta fit-triq hemm ħames siġar tal-ħarrub. Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi s-siġar tal-ħarrub m'għadux imnizzel bħala protett għalhekk ma nistgħux nirrapurtaw fuqha. Apparti minn hekk is-siġar se jitneħħew għax ser issir triq.<br><br>Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri qalet illi protetta jew le is siġar għandhom ikunu protetti.<br><br>Sindku s-Sur Mario Calleja u l-Kunsillier Dr Errol Cutajar irrimarkaw illi din triq li trid issir .<br><br>Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar jahseb li dik hija privata pero jekk nistgħu nibgħatu lil ERA u ninfurmawhom.<br><br>Kien hemm qbil unanimu. |
| **5.3.3** | **Quotation camera:**<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi għandna tlett ġonna li huma Ġnien San Tumas, Spazju Rikrejattiv Alfred debono u Pjazza Mifsud Bonnici fejn fihom is-servizz ta' CCTV u hemm free wifi. Il-Kunsill ikollu diversi ilmenti illi s-servizz tal-Wifi jinqata pero l-Kunsill huwa obligat li jħalli dan is-servizz għal ħames snin, għalhekk hu ġie avviċinat minn persuna li taħdem mall-go fejn qed joffri is-servizz tiegħu sabiex ic-CCTV's jibdew jaħdmu bil-Wifi.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jekk il-Kunsill jiddeċiedi li jaħdem ma dan il-persuna tajjeb li jsir xi tip ta *maintenance agreement.*<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-kwotazzjoni mhijiex tas-*service agreement* ta wara izda tal-installazzjoni.<br><br>Kien hemm qbil li nkellmu lill Pierre mill-Go għal stima oħra jekk ma jaċċettawx tal-go inmexxu fuq din il-kwotazzjoni.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri staqsa jekk tistax issir camera fej l-iskips ta ġewwa l-bandli minflok inzidu l-bins.<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi bil-cameras li diġa hemm dik l-area tinqabad mill-cameras. |
| **5.3.4** | **Inċident fi Ġnien San Tumas (35/2778/24/O):**<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi meta saret is-sistema ta' drip irrigator fi Ġnien San Tumas kien hemm kaxxa ġol-ġnien u fiha kien hemm metre u dan tneħħa minn hemm xi zmien ilu u jidher li l-ilma konna qed niħduh min dan il-metre għal xi xahrejn, u l-WSC għamlu rapport l-għassa u qalu li mhumiex ser jieħdu azzjoni pero l-Kunsill probabli ser iħallas multa. |
| **5.3.5** | **Hop on hop off buses (35/2681/24/I):**<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Kunsill dejjem prova jġib il-hop on hop off fil-lokalita u issa daħlu fiha l-ħwienet.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi qatt ma kienu interessati f'Marsaskala u biex idaħħal lilna irid jerġgħa jibdel is-*software* pero llum jezistu diversi *service providers* u forsi hekk ikun hawn min jixtieq li jaqdu lil Lokalita' ta' Marsaskala ma dawk li hemm diġa. |

| | |
|---|---|
| **5.3.6** | **Sport event gewwa Marsaskala fit-23 ta' Novembru 2024:**<br><br>Kien hemm qbil unanimu illi dan l-event isir fil-lokalita' tagħna. |
| **5.4** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera:**<br><br>Ma kien hemm l-ebda mistoqsija. |
| **5.5** | **Rapporti:** |
| **5.5.1** | **Revised quarterly report – quarter 2 2024:**<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi dan ir-rapport kellu jerġgħa jgħaddi għaliex kien hemm zball fl-income tal-permessi. |
| **5.5.2** | **Quarter financial report quarter 3 (January till September 24):**<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech spjega il-*quarter financial report* li ġie approvat bi qbil unanimu. |
| **5.6** | **Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtiega:**<br><br>Ma kienx hemm items ohra |
| **5.7** | **Korrispondenza:** |
| **5.7.1** | **Clean up payment Marsaskala futsal:**<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dawn kellhom joħolqu erba events matul is-sena u diġa waslu fit-tielet event tas-sena. |
| **5.7.2** | **Contravention list from LESA from 1st Jan 2024 – 30th September 2024 (35/2636/24/I):**<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hawnhekk għandna rendikont taċ-ċitazzjonijiet li ngħataw min naħa tal-LESA ħdejn il-BIS. |
| **5.7.3** | **Speed camera assessment Triq Dahla ta San Tumas Zejtun (35/2662/24/I):**<br><br>IS-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-Kunsill informa lil TM sabiex isir assessment ta Triq id-Daħla ta San Tumas sabiex jaraw jekk jistgħux isiru cameras dawn ikkonkludew illi t-triq mhijiex eliġibli. |
| **5.8** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru 4:** |
| **5.8.1** | Is-Segretarju Eżekttiv preżenta pagament li daħal tard ta Ms Doreen Mintoff għal Accountant Services October 2024 li jammonta għal €1050.20 bl-invoice number 24-036.<br><br>Is-Segretarju Eżekttiv preżenta pagament li daħal tard ta Mr Saviour Mifsud għal grass cutting Non Urban li jammonta għal €354,00 bl-invoice number 76.<br><br>Is-Segretarju Eżekttiv preżenta pagament li daħal tard ta Mr Joseph Farrugia għal gypsum board for Council outside li jammonta għal €2714. |
| **5.8.2** | Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq pagament 6590 . |

| | |
|---|---|
| | Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi dak huwa skip mikri sabiex tnaddaf il-garaxx tal-Kunsill.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi darb'oħra ninfurmawh għaliex hu jaf b'persuna li tikri b'ħafna irħas. |
| | ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ipprona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela. Il-votazzjoni kienet 10 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.*** |
| **5.9** | ***Mozzjonijiet :*** |
| **5.9.1** | **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri u issekondata mill-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon (Nru 013 – 30/9/24):**<br><br>"Tipproponi li nintroduċu sistema ta' open library fil-lokal tagħna. Din diġa teżisti diga f'xi lokalitajiet oħra. L-iskop tagħha huwa li wieħed jieħu ktieb u jħalli ktieb iehor. Din tkun tinkludi kotba għat-tfal kif ukoll adulti.<br><br>Nibdew b'post wieħed imbagħad inkomplu b'iktar jekk naraw li tkun ta' suċċess.<br><br>Bħala struttura tista' tintuza dgħajsa qadima u jkollha xi forma ta lqugħ biex il-kotba ma jixxarbux. Suġġerimenti oħra huma telefon box antika, cabinet jew gwardarobba zgħira."<br><br>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal hija inizjattiva li kienet għamlet l-eks Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne pero tajjeb li noqgħodu attenti mill vandalizmu.<br><br>Kien hemm qbil li jinstab post kif ukoll struttura sabiex isir dan il-proġett tista issir f'telephone box jew f'xi luzzu.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu ġie avviċinat min persuna illi għandu dgħajsa ta' felice li issa m'għadux juzah u dan kien jintuza f'Marsaskala bejn 50 u 60- sena ilu u dan lest li jtijulna bħala rigal u tajjeb ngħamluh show cased għaliex fih storja kbira fejn dan kien jintuza sabiex jgħallem it-tfal juzaw din id-dgħajsa għal tul ta snin. Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu ta l-idea li jitpoġġa San Tumas.<br><br>Il-Kunsillier is-Sinjorina Beverly Saliba qalet illi tajjeb li norganizzaw tajjeb dawn il-bċejjeċ tal-baħar li għandna f'idejna sabiex ikunu mpoġġija bi ħsieb u mhux bl-addoċċ.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu ta l-ideja li jmur San Tumas u jekk xi ħadd jixtieq imur miegħu u jsibu post addatat anke għal qis ta din id-dgħajsa li mhijiex kbira ħafna.<br><br>Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Spiteri qalet illi jista jsir anke presepju ġo dgħajsa għal Milied. |
| **5.9.2** | **Mozzjoni mressqa mis-Sindku s-Sur Mario Calleja u issekondata mill-Kunsillier is-Sur Francis Gilford (Nru 014 – 14/10/24):**<br><br>"Jiipproponi sabiex li wara abbuż sfrenat minn nies irresponsabbli li qed jiddepożitaw skart bla ħniena ħdejn il-knisja u tlett is-slaleb il-Bidni, għandha ssir camera biex nwaqqfu u nrażżnu dan l-abbuż"<br><br>Kien hemm qbil unanimu. |
| • | Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi hu ltaqa mall-klabb tal-futball ta' Marsaskala u kellimom rigward it-tender li ħareġ il-Kunsill tat-trasport u talabhom jgħidulu x'għandhom bzonn 22 seater u 126 vjaġġ fis-sena u saqsew jekk dan il-van jibqax jistenna fuq il-post. Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar saqsa jekk dan ikopprix il-vjaġġi tal-ġenituri ukoll. |

| | |
|---|---|
| | Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi hu qalilhom li ma jfissirx li l-Kunsill ser jħallas ta' kollox.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qallu l-vjaġġi huma biss għat-tfal u l-vann ma jibqax stand by jekk mhux għax tkun ix-xita u l-Kunsill ma jistax jisupplixxi dawk il-vjaġġi kollha.<br><br>Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal huma jixtequ li l-Kunsill jikri l-grawnd u nħajjru lin-nies jiġu jilgħabu, jew il-Kunsill jalloka somma lil klabb u l-klabb iħallas biss il-coaches |
| | Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi diġa nħallsu €4,000 fis-sena u ser ntuwhom anke it-transport u jaħseb li qed ntuwhom diġa ħafna. |
| • | Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri qalet illi fit-3 ta' Novembru ser iggib grupp tal-iscouts biex isir clean up u qed tisuġerixxi Triq il-Blajjiet u għandha bzonn xi boroz u ngwanti pero jiddeċiedu fuq il-post aktar il-quddiem skond kemm jipparteċipaw tfal.<br><br>Il-Kunsill qabel li dawn jingħataw mill-Kunsill. |
| • | Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-Gvern lil Kunsill jgħaddilu €220,000 fuq tipping fees u dan biex ikopru l-iskart li jinġabar bil-borza is-sewda u nħallsu il-prezz bit-tunellata u fl-aħħar tax-xahar nirċievu l-kont tal-kuntrattur umbagħad it-tipping fees, il-problema li għandha li din is-sena jidher li ser inħallsu €360,000 u dan ifissser li ser nieħdu mill-allokazzjoni li suppost tmur f'affarijit oħra, qal illi fil-kuntrattu hemm ħafna affarijit li mhumiex qedin sew u hu jħoss li hu għandu jibat ittra lir-Reġjun u jekk il-Kunsill ser jispiċċa jħallas aktar flus milli kien qabel ngħidu li nixtieqe ninqalaw mill-kuntratt.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dan mhux il-kaz li r-residenti qed jarmu aktar fil-borza s- sewda. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi aħna nistgħu nitolbu sabiex kif jiġi it-trakk filgħodu kmini jiftħilna t-trakk sabiex niċċekjaw li dan hu vojt.<br><br>Kien hemm qbil li tinkiteb ittra lir-Reġjun. |
| **5.10** | <u>**Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**</u><br><br>L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-7:45pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar L-erbgha 13 t' Novembru 2024 fis-6.00pm.<br><br>Ikkonfermat illum 17 t'Ottubru 2024. |

IFFIRMAT

________________

**Josef Grech**
**Segretarju Ezekuttiv**

IFFIRMAT

________________

**Mario Calleja**
**Sindku**